KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 27.5.2011
KUMM(2011) 302 finali

2011/0133 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Ġermanja tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut lil bastimenti rmiġġati f'port ("elettriku mill-art") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fl-Unjoni hija regolata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE[1] (minn hawn ’il quddiem id-“Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija” jew id-“Direttiva”).

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet previsti b’mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, billi jaġixxi b’mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista’ jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta’ tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.

L-għan ta’ din il-proposta huwa li jippermetti lill-Ġermanja tapplika rata mnaqqsa ta’ taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f’port (minn hawn ’il quddiem elettriku mill-art). Din l-eżenzjoni hija intiża biex tagħti inċentiv ekonomiku għall-użu ta’ elettriku mill-art sabiex jonqos it-tniġġis tal-arja fl-ibliet portwali.

### It-talba u l-kuntest ġenerali tagħha

Permezz ta’ ittra datata s-27 ta’ Diċembru 2010, l-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw lill-Kummissjoni li kellhom l-intenzjoni li japplikaw rata mnaqqsa fil-livell tar-rata minima tal-UE, jiġifieri 0,50 €/MWh, ta’ taxxa fuq l-elettriku għall-elettriku mill-art. Fil-11 ta’ Jannar 2011 waslet informazzjoni supplimentari mill-Ġermanja.

Il-Ġermanja talbet li t-tnaqqis jingħata għal perjodu indeterminat.

Permezz tal-miżura li qed titlob, il-Ġermanja trid tagħti inċentiv għall-użu tal-elettriku mill-art li huwa meqjus bħala alternattiva li tniġġes inqas mill-ġenerazzjoni tal-elettriku minn fuq il-bastimenti li jkunu rmiġġati f’port. Bħalissa l-elettriku mill-art irid jiġi intaxxat bir-rata ġenerali tat-taxxa fuq l-elettriku, li hija 20,50 €/MWh. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri huma meħtieġa li jeżentaw l-elettriku ġġenerat fuq il-vapuri għan-navigazzjoni fl-ibħra tal-Komunità skont l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija u jistgħu jagħmlu dan fil-każ tal-elettriku ġġenerat fuq il-vapuri għan-navigazzjoni fil-mogħdijiet interni tal-ilma skont l-Artikolu 15(1)(f).

Il-Ġermanja tixtieq tapplika rata mnaqqsa ta’ 0,50 €/MWh għall-elettriku mill-art, u b’hekk tirrispetta r-rata minima ta’ tassazzjoni fuq l-elettriku kif stipulata fid-Direttiva 2003/96/KE. Ir-rata mnaqqsa ta’ tassazzjoni fuq l-elettriku għandha tapplika għall-fornimenti kollha ta’ elettriku mill-art kemm fl-ibħra Komunitarji kif ukoll fil-mogħdijiet interni tal-ilma, bl-eċċezzjoni tad-dgħajjes rikreattivi privati.

Bit-tnaqqis fit-taxxa, il-Ġermanja trid tagħti inċentiv lill-operaturi tal-bastimenti biex jużaw l-elettriku mill-art sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-ħsejjes fl-ajru mill-bastimenti rmiġġati kif ukoll l-emissjonijiet tas-CO2. L-applikazzjoni ta’ rata mnaqqsa tat-taxxa għandha ttejjeb il-qagħda kompetittiva tal-elettriku mill-art meta mqabbla mal-ħruq ta’ fjuwils tal-bastimenti abbord, li huwa eżentat għal kollox mit-taxxa.

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta’ Ottubru 2003 li tirriforma l-qafas tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta’ enerġija u elettriku, ĠU L 283 tal-31.10.2003 p. 51

Il-Ġermanja tqis li din il-miżura hija konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE[2]dwar il-promozzjoni tal-elettriku mill-art għall-użu mill-bastimenti sorġuti fil-portijiet tal-UE u mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-iskopijiet strateġiċi u rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018" (COM(2009)8)[3].

***Argumenti tal-awtoritajiet Ġermaniżi dwar l-impatt tal-miżura fuq is-suq intern***

L-awtoritajiet Ġermaniżi jgħidu li l-miżura m'għandhiex taffettwa l-funzjonament korrett tas-suq intern u m'għandhiex twassal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Huma jargumentaw li l-benefiċjarji, l-operaturi tal-vapuri li jirċievu elettriku mill-art intaxxat fil-livell minimu previst fid-Direttiva 2003/96/KE, fil-fatt mhux se jirċievu vantaġġ ekonomiku minħabba li dawn l-operaturi fil-preżent jiġġeneraw l-elettriku tagħhom stess abbord u dan l-elettriku huwa eżentat mit-tassazzjoni. Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, is-sostituzzjoni tal-ġenerazzjoni proporja abbord b'elettriku mill-art intaxxat fil-livell minimu applikabbli, mhix se twassal għal vantaġġ globali fuq il-kost.

***Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta***

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, b'mod partikolari l-Artikoli 14(1)(c) u 15(1)(f).

**Valutazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

***Konsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika***

L-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva jaqra kif ġej:

> *"Flimkien ma' dawn id-disposizzjonijiet msemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi."*

Permezz ta' tnaqqis fit-taxxa, l-awtoritajiet Ġermaniżi qed isegwu l-għan li jiġi promoss mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent kif il-vapuri jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom tal-elettriku waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet u b'hekk itejbu l-kwalità tal-arja lokali. Kif irrimarkat il-Ġermanja, il-Kummissjoni fil-fatt diġà rrakkomandat l-użu tal-elettriku mill-art bħala alternattiva għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fuq il-bastimenti li jkunu rmiġġati u b'hekk irrikonoxxiet il-vantaġġi ambjentali tiegħu[4]. Huwa nnotat li l-elettriku fornut lill-bastimenti rmiġġati fil-Ġermanja bħalissa huwa ntaxxat bir-rata ta' 20,50 €/MWh. It-tnaqqis mitlub għalhekk għandu jwassal għal inċentiv ieħor għall-użu ta' din it-teknoloġija ekwivalenti għal 20 €/MWh u għalhekk jikkontribwixxi għall-għan ta' politika ddikjarat.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li ostakolu importanti għall-użu iżjed mifrux tal-elettriku mill-art huwa n-nuqqas kważi totali li hemm bħalissa tal-infrastruttura meħtieġa fuq l-art fil-

---

[2] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – L-Iskopijiet strateġiċi u rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018, COM (2009) 8 finali.

[3] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE tat-8 ta' Mejju 2006 dwar il-promozzjoni tal-elettriku mill-art għall-użu mill-bastimenti sorġuti fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 125, 12.5.2006)..

[4] Ara n-nota 2 aktar 'il fuq.

portijiet u li għalhekk huwa probabbli li jkunu meħtieġa inizjattivi addizzjonali li jindirizzaw b'mod partikolari l-iżvilupp ta' din l-infrastruttura sabiex jinkiseb l-objettiv politiku tal-eżenzjoni mit-taxxa inkwistjoni. F'dan ir-rigward, huwa nnotat li minn Ġunju 2011 'il quddiem, l-Istati Membri se jkollhom obbligu inkondizzjonat li jilħqu l-istandard tal-kwalità tal-arja għal pollutanti rilevanti għall-materja partikulata[5]. Dan l-obbligu jesiġi li huma jsibu soluzzjonijiet għal problemi bħall-emissjonijiet mill-vapuri rmiġġati fil-portijiet fejn ikun rilevanti u huwa probabbli li fil-portijiet li għandhom dawn il-problemi, l-użu tal-elettriku mill-art se jkun inkoraġġit bħala parti mill-istrateġija globali dwar il-kwalità tal-arja.

Rigward in-natura tal-objettiv politiku segwit, il-Kummissjoni tirrimarka li l-promozzjoni tal-elettriku mill-art hija fil-fatt objettiv politiku komuni li għandu jiġi segwit mill-Unjoni kollha kemm hi. Dan huwa ddikjarat b'mod ċar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2007)575 dwar politika marittima integrata u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha[6], li jħabbru li dan l-objettiv se jiġi indirizzat fil-kuntest ta' reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/KE. Madankollu, l-għan tal-Artikolu 19 huwa li jirreaġixxi għal ċirkustanzi speċifiċi fi Stati Membri individwali li mhumiex riflessi fid-Direttiva nnifisha. Deroga fuq il-bażi tal-Artikolu 19 li jsegwi l-objettiv politiku tal-promozzjoni tal-elettriku mill-art tista' għalhekk tingħata biss bħala miżura tranżitorja qabel ma dan l-objettiv ikun ġie indirizzat fil-kuntest ta' reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/EC.

***Konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħra tal-Unjoni***

Il-miżura mitluba tirrigwarda prinċipalment il-politika ambjentali tal-UE. Billi se tgħin sabiex jitnaqqas il-ħruq tal-fjuwils tal-bastimenti abbord il-bastimenti fil-portijiet, il-miżura fil-fatt se tikkontribwixxi għall-objettiv li titjieb il-kwalità tal-arja lokali. Il-miżura tista' wkoll, b'mod limitat, twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2, għalkemm l-importanza ta' dan l-effett tiddependi fuq is-sors tal-elettriku li se jiġi pprovdut lill-bastimenti permezz tal-grilja fuq l-art[7].

F'dan il-punt wieħed ifakkar li raġuni importanti għall-pożizzjoni kompetittiva mhux favorevoli tal-elettriku mill-art huwa l-fatt li l-alternattiva, jiġifieri l-elettriku prodott fuq il-bastimenti waqt li jkunu f'portijiet marittimi, bħalissa tgawdi eżenzjoni sħiħa mit-taxxa netta: il-fjuwil tal-bastimenti maħruq biex jiġġenera l-elettriku mhux biss igawdi minn eżenzjoni mit-tassazzjoni, li tikkorrispondi għall-pożizzjoni normali skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96/KE, iżda anki l-elettriku prodott abbord il-bastimenti huwa eżentat (ara l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE). Għalkemm l-eżenzjoni tal-aħħar tista' bħala tali titqies bħala diffiċli biex tiġi rikonċiljata mal-objettivi ambjentali tal-Unjoni, hija tirrifletti konsiderazzjonijiet ta' prattikabilità. Fil-fatt, it-tassazzjoni fuq l-elettriku ġġenerat abbord

---

5 Ara d-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152 tal-11.6.2008).

6 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea tal-10.10.2007, COM (2007) 575 finali u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Dokument li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea tal-10.10.2007, SEC (2007) 1278.

7 F'okkażjoni preċedenti, il-Kummissjoni stmat li l-bidla għall-elettriku mill-art se twassal għal tnaqqis medju ta' 50% fl-emissjonijiet tas-CO2, ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna. Madankollu, l-impatt tal-miżura inkwistjoni jista' jvarja b'mod konsiderevoli minn dan il-valur medju billi jiddependi b'mod kruċjali fuq l-intensità tal-karbonju tal-qasam tas-suq rilevanti u l-ħin eżatt meta tkun se sseħħ id-domanda addizzjonali għall-elettriku.

tkun teħtieġ dikjarazzjoni minn sid il-vapur - ħafna drabi stabbilit f'pajjiż terz - jew operatur dwar l-ammont ta' elettriku kkunsmat. Id-dikjarazzjoni trid tistabbilixxi wkoll is-sehem tal-elettriku kkunsmat fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru fejn tkun dovuta t-taxxa. Dan joħloq piż amministrattiv enormi għas-sidien tal-vapuri jekk ikunu jridu jagħmlu dikjarazzjonijiet bħal dawn għal kull Stat Membru li tiegħu jużaw l-ibħra territorjali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jkun iġġustifikat li ma tiġix penalizzata l-alternattiva inqas pollutanti tal-elettriku mill-art, billi l-Ġermanja titħalla tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni.

Rigward l-elettriku kkunsmat mill-bastimenti rmiġġati f'portijiet tul il-mogħdijiet interni tal-ilma, u kuntrarju għas-sitwazzjoni fil-portijiet marittimi, l-eżenzjoni tal-elettriku ġġenerat abbord hija biss fakultattiva għall-Istati Membri (Artikolu 15(1)(f)). Għalhekk, l-ebda ostakolu legali ma jimpedixxi lill-Istati Membri milli jittrattaw bl-istess mod l-elettriku mill-art u l-ġenerazzjoni tal-elettriku abbord f'portijiet tul il-mogħdijiet interni tal-ilma. Madankollu, l-alternattiva offruta mill-Artikolu 15(1)(f) tad-Direttiva biex ma jkunx intaxxat l-elettriku ġġenerat abbord għandha tiġi spjegata mill-ġdid permezz ta' konsiderazzjonijiet ta' prattikabilità min-naħa tal-leġislatur u fl-istess ħin marbuta mill-qrib mal-vantaġġi fakultattivi tat-taxxa għall-finijiet ta' navigazzjoni fil-mogħdijiet interni tal-ilma. Il-maġġoranza tal-Istati Membri, fosthom il-Ġermanja, iddeċidew li ma jintaxxawx il-fjuwils użati għal dawn l-għanijiet. Fir-rigward tar-Rhine u t-tributarji tagħha, din l-eżenzjoni mit-taxxa hija inkorporata wkoll fi ftehim internazzjonali[8], li l-Ġermanja rratifikat. Huwa meqjus ukoll bħala mhux prattikabbli li l-fjuwil li jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku abbord jiġi intaxxat separatament [ara l-Artikolu 21(5), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2003/96/KE] minħabba li dan jippresupponi, tal-anqas, distinzjoni bejn il-fjuwil li jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u dak li jintuża għan-navigazzjoni. Fl-aħħar nett, fid-deċiżjoni dwar jekk jestendux l-eżenzjoni mit-taxxa applikabbli għat-tbaħħir marittimu għall-fjuwils użati għan-navigazzjoni fil-mogħdijiet interni tal-ilma, l-Istati Membri se jikkunsidraw numru ta' aspetti, inklużi għanijiet aktar wiesgħa tal-politika nazzjonali dwar it-trasport bħal konsiderazzjonijiet ambjentali, li jistgħu jwassluhom biex ma jintaxxawx il-fjuwils użati għal dawn l-iskopijiet.

Għalhekk huwa meqjus iġġustifikat, fl-istadju preżenti, li l-possibbiltà ta' eżenzjoni għall-elettriku mill-art tiġi estiża għall-portijiet tal-mogħdijiet interni tal-ilma.

***Is-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta***

Mill-perspettiva tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta, il-miżura mitluba għandha tnaqqas id-distorsjoni li teżisti bejn żewġ sorsi rivali tal-elettriku għall-dgħajjes rmiġġati, jiġifieri l-ġenerazzjoni abbord u l-elettriku mill-art, ikkawżata mill-eżenzjoni tat-taxxa għall-fjuwils tal-bastimenti.

Rigward il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-bastimenti, ta' min wieħed itenni li fil-preżent hemm numru żgħir ħafna biss ta' bastimenti li jużaw l-elettriku mill-art fuq bażi kummerċjali. It-tieni, anki jekk il-miżura se tagħti vantaġġ lill-kumpaniji tat-tbaħħir fis-sens li se jkunu jistgħu jixtru l-elettriku bi prezzijiet aktar baxxi meta mqabbla ma' kumpaniji li joperaw f'setturi oħra, il-miżura eżaminata mhijiex mistennija li tbiddel b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni kompetittiva fi ħdan is-settur tat-tbaħħir. Għalkemm il-pronostiċi preċiżi tal-

---

[8] Ara l-artikolu 1 tal-Ftehim tas-16 ta' Mejju 1952 bejn l-Istati tax-xatt tar-Rhine u l-Belġju dwar it-trattament doganali u fiskali taż-żejt tal-gass li tintuża bħala forniment tal-vapuri fin-navigazzjoni tar-Rhine (Bundesgesetzblatt 1953, parti II, p. 531).

kostijiet jiddependu ħafna fuq il-prezz taż-żejt u għalhekk huma diffiċli ħafna, l-evidenza disponibbli tikkonferma d-dikjarazzjoni magħmula mill-Ġermanja li b'mod ġenerali anki eżenzjoni sħiħa mit-taxxa f'ħafna każijiet ma tnaqqasx il-kostijiet operazzjonali tal-elettriku mill-art taħt dawk tal-ġenerazzjoni abbord[9] u għalhekk, fi kwalunkwe każ, m'għandhiex tirrappreżenta benefiċċju kompetittiv sinifikanti għall-operaturi tal-bastimenti li jużaw l-elettriku mill-art meta mqabbla ma' dawk li jużaw il-ġenerazzjoni abbord. Fil-każ preżenti, wieħed għandu jistenna inqas distorsjoni sinifikanti tat-tip li ssemmiet hawn fuq billi l-Ġermanja se tirrispetta l-livell minimu ta' tassazzjoni preskritt mid-Direttiva 2003/96/KE.

Rigward il-kompetizzjoni bejn il-portijiet, f'sitwazzjoni fejn, kif intqal hawn fuq, l-użu tal-elettriku mill-art, tal-anqas fuq medda qasira ta' żmien, mhuwiex probabbli li jsir iktar ekonomiku mill-ġenerazzjoni abbord minkejja t-tnaqqis fit-taxxa, dan it-tnaqqis fit-taxxa mhuwiex probabbli wkoll li joħloq distorsjoni sinifikanti fil-kompetizzjoni bejn il-portijiet billi jħajjar il-bastimenti jibdlu l-itinerarju tagħhom skont id-disponibbiltà ta' din l-opzjoni.

Fl-aħħar nett, wieħed jista' jżid li l-perjodu ta' żmien li għalih qed tiġi proposta l-awtorizzazzjoni ta' rata ta' taxxa mnaqqsa huwa qasir biżżejjed biex jagħmilha improbabbli li l-analiżi li saret fiż-żewġ paragrafi preċedenti tinbidel qabel id-data ta' skadenza.

***Perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura u l-iżvilupp tal-qafas tal-UE dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija***

Fil-prinċipju, il-perjodu tal-applikazzjoni tad-deroga għandu jkun twil biżżejjed sabiex ma jiskoraġġix lill-operaturi portwali milli jagħmlu l-investimenti neċessarji. Dan l-objettiv għandu jiġi rikonċiljat, madankollu, mal-ħtieġa li tiġi riveduta l-pożizzjoni miksuba fil-Ġermanja fil-ħin opportun u l-ħtieġa li ma jiġux imminati l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti. F'dan ir-rigward, ta' min jiftakar li fit-13 ta' April 2011 il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/KE[10] bil-għan li tallinjaha aktar mill-qrib mal-objettivi tal-politiki dwar l-enerġija u l-ambjent u b'mod partikolari l-miri dwar it-tibdil fil-klima għall-perjodu wara l-2013. Din il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri jeżentaw mit-taxxa sal-31 ta' Diċembru 2020 l-elettriku mill-art (abbozz tal-Artikolu 14(1)(e)). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, jidher xieraq li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata għal perjodu ta' tliet snin, suġġetta madankollu għad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kwistjoni, f'mument li jkun aktar kmieni mill-iskadenza prevista.

**Regoli dwar l-għajnuna mill-istat**

Ir-rata ta' taxxa ta' 0,50 €/MWh prevista mill-awtoritajiet Ġermaniżi tirrispetta l-livell minimu ta' tassazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE. Il-miżura għalhekk

9 Ara Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea, Service Contract Ship Emissions: Assignment, Abatement and Market-based Instruments, Task 2a – Shore-Side Electricity, Awwissu 2005, http://ec.europa.eu/environment/air/pdf/task2_shoreside.pdf. L-analiżi tal-kostijiet saret għat-tliet portijiet ta' Gothenburg (l-Isvezja), Juneau u Long Beach (USA).

10 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/96/KE li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, COM (2011) 169/3.

taqa' taħt l-hekk imsejjaħ Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (Regolament (KE) Nru 800/2008)[11] u hija, b'hekk, eżentata mill-ħtieġa ta' notifika minn qabel.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

***Konsultazzjoni mal-partijiet interessati***

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Ġermanja u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

***Ġbir u użu ta' kompetenzi***

M'hemmx bżonn ta' kompetenzi esterni.

***Valutazzjoni tal-impatt***

Din il-proposta tikkonċerna l-awtorizzazzjoni lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta għandha l-għan li tawtorizza lill-Ġermanja biex tidderoga mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE u tapplika rata mnaqqsa ta' 0,50 €/MWh bħala taxxa fuq l-elettriku li jiġi fornut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port.

***Bażi legali***

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

***Prinċipju tas-sussidjaretà***

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE ma jaqax fih innifsu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam, huwa strettament ċirkostritt u limitat mid-dritt eżistenti tal-UE. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill biss għandu s-setgħa li jawtorizza lil-Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. L-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill.

Il-proposta għalhekk tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjaretà.

***Prinċipju tal-proporzjonalità***

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis fit-taxxa ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan inkwistjoni (ara l-konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti tas-Suq intern u l-kompetizzjoni ġusta, aktar 'il fuq).

***Għażla ta' strumenti***

Strument(i) propost(i): Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96 jipprovdi għal din it-tip ta' miżura biss.

[11] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa), ĠU L 214, 9.8.2008.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Il-proposta għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

2011/0133 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Ġermanja tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut lil bastimenti rmiġġati f'port ("elettriku mill-art") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[12], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Diċembru 2010, il-Ġermanja talbet l-awtorizzazzjoni biex tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port ("elettriku mill-art") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

(2) Bit-tnaqqis li beħsiebha tapplika, il-Ġermanja għandha l-għan li tippromwovi użu aktar mifrux ta' elettriku mill-art bħala mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent biex il-vapuri jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom tal-elettriku waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet meta mqabbel mal-ħruq ta' fjuwil tal-bastimenti abbord il-bastimenti.

(3) Billi l-użu tal-elettriku mill-art jevita l-emissjonijiet ta' pollutanti tal-arja assoċjati mal-ħruq ta' fjuwils tal-bastimenti abbord il-bastimenti fl-irmiġġ, huwa jikkontribwixxi għal titjib fil-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwali. Il-miżura għalhekk hija mistennija li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politiki tal-UE dwar l-ambjent u s-saħħa.

(4) L-awtorizzazzjoni tal-Ġermanja biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għall-elettriku mill-art ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv hawn fuq imsemmi, peress li fil-maġġoranza tal-każijiet, il-ġenerazzjoni abbord se tibqa' l-iżjed alternattiva kompetittiva. Għall-istess raġuni, u minħabba l-livell preżenti relattivament baxx ta' penetrazzjoni tat-teknoloġija fis-suq, il-miżura mhijiex probabbli li twassal għal distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni matul l-implimentazzjoni tal-miżura u għalhekk mhix se taffettwa b'mod negattiv il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

[12] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

(5) Mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE joħroġ li kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dik id-dispożizzjoni jrid ikollha żmien strettament limitat. Minħabba l-ħtieġa ta' perjodu suffiċjentement twil sabiex l-operaturi portwali ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa, iżda wkoll il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-pożizzjoni miksuba fil-Ġermanja fil-ħin opportun u l-ħtieġa li ma jiġux imminati l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata għal perjodu ta' tliet snin, suġġetta madankollu għad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-materja, f'mument aktar kmieni mill-iskadenza prevista,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ġermanja hija b'dan awtorizzata tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fornut direttament lil bastimenti rmiġġati fil-portijiet, għajr dgħajjes għal użu rikreattiv privat, bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-livelli minimi ta' tassazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija m'għandhiex tibqa' tapplika wara tliet snin.

Madankollu, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 113 TFUE, jipprovdi għal regoli ġenerali dwar il-vantaġġi fiskali għall-elettriku mill-art, din id-Deċiżjoni ma tibqax tapplika minn dak il-jum li fih isiru applikabbli dawk ir-regoli ġenerali.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*